MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 469/2003

Kawza fil-lista: 12

**A B**
**vs**
**C B D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi f’ dawn l-ahhar snin ir-relazzjoni konjugali bejn il-kontendenti konjugi iddeterjorat u dan minhabba ragunijiet legalment validi fosthom l-adulterju da parti ta’ l-attrici, minacci, eccessi, theddid, inkompatibilita’ ta’ karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghal proceduri ta’ separazzjoni personali.

Peress b’ digriet ta’ Qorti tas-Sekond’ Awla l-attur ma giex ordnat ihallas lil martu manteniment kell ghaliha kif ukoll ghall-minuri E li ghandu sentejn;

Peress illi l-partijiet mhumiex qeghdin jghixu flimkien;

Peress illi l-kura tal-minuri qieghda f’ idejn il-konvenuta bid-dritt ta’ access ghall-attur;

Tghid ghalhekk l-konvenuta ghala dina l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex taqta, tiddeciedi u tordna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi B tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju u minhabba li l-hajja flimkien m’ ghandhiex aktar possibbli u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment liema ragunijiet huma mputabbli lill-konvenuta kif fuq imfisser;
2. Illi din l-Qorti ghandha tiddikjara ukoll illi l-konvenuta hija l-htija tal-firda ghall-wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandha titlef a bazi ta’ l-istes Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826, u 827 kif ukoll dak kolli li tkun jisbet mill-parti l-ohra b’ donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; kif ukoll jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsiderata li minnha tkun hatja tal-firda;

3. Illi l-attur ghandu b’ mod definittiv jinheles minn kull forma ta’ obbligu ta’ manteniment lill-konvenuta u dana biss minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabilment htija tal-agir tal-konvenuta izda ukoll fl-ispirtu tal-amendi tal-Kodici Civili;

4. Illi takkonrda l-kura u l-kustodja tat-tifel E lill-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-attur, kien hu illi wassal sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment u dan minhabba l-agir vjolenti tal-attur fil-konfront tal-esponenti, u anke minhabba l-fatt illi l-attur jabbuza mid-droga.

2. Illi jsegwi ghalhekk illi t-tieni talbatal-attur ghandha tigi respinta, u l-esponenti ssostni illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet gia giet likwidata u kull parti rceviet is-sehem taghha a sodisfazzjoni piena taghha, u ghalhekk jonqos biss illi din il-komunjoni tal-akkwisti tigi xjolta.

3. Illi b' referenza ghat-tielet talba, l-esponenti tirrileva illi l-attur ma giex ordnat jivversa manteniment ghaliha u ghall-minuri meta dehru quddiem l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili peress illi l-attur iddikjara illi ma kellux impjieg; illi l-esponenti tissottometti illi dan bl-ebda mod ma ghandu jigi interpretat bhala dekadenza da parti taghha ghal hlas ta' manteniment, b'mod partikolari fir-rigward tal-minuri.

4. Illi b' referenza ghar-raba talba, din ghandha tigi respinta, u dan ghal ragunijiet li ser jirrizultaw ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza, u se mai l-attur ghandu jinghata dritt ta' access fil-konfront tal-minuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali L-Avukat Dottor Vincent Galea u tas-Social Worker Therese Micallef, minnhom debitament mahlufa;
Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu giet ordnata l-konnessjoni tal-kawza odjerna mal-kawza numru 178/03 fl-ismijiet inversi, u li l-provi migbura f' dik il-kawza jghoddu wkoll ghal din il-kawza u vice versa;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta ai termini ta’ l-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16. Il-konvenuta minn naha taghha, filwaqt li taqbel mat-talba ghall-pronunzjament gudizzjarju tas-separazzjoni personali bejniethom, qed tikkontestesa l-htija u qed tattribwiha lill-attur in bazi ghall-Artikolu 40.

Illi din il-Qorti taghmel referenza shiha ghal, u taddotta, il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet minnha maghmula u raggjunti fis-sentenza fl-ismijiet inversi numru 178/03 deciza llum stess u li titratta l-istess meritu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] Rigward l-ewwel talba, filwaqt li tikkonferma li s-separazzjoni personali bejn il-partijiet diga’ giet pronunzjata llum bis-sentenza fuq citata, tichad it-talba in kwantu din qed timputa t-tkissir taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

[2] Tichad it-tieni talba;

[3] Tichad it-tielet talba;

[4] Tichad ir-raba’ talba;

L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------